**25 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Anthony A. Falzon, O.B.E. ne

*versus*

Frederick Brown

**Pagament ta' Ħlasijiet Perijodiċi — Ilma u Ellettriku — Preskrizzjoni — Preżunzjoni Legali — Art. 1203 u 1205 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta ma hemmx azzjoni, l-istanza tista' tiġi riġettata bla ma tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li tkun ġiet opposta kontra dik l-istanza.*

*Il-liġi tiddisponi illi fil-każ ta' kera, imgħaxijiet jew ħlasijiet oħra perijodiċi, meta jkun jidher minn riċevuti illi d-debitur ħallas id-dejn, kull darba li għalaq, għal tliet darbiet konsekuttivi, bla riżerva għas sommom li jkunu għalqu qabel, dawn jitqiesu mħallsin.*

*Imma din hija preżunzjoni "juris tantum" fis-sens ukoll talliġi, jiġifieri fis-sens illi l-ħlas ma jitqiesx li jkun sar jekk ikun hemm ċirkustanzi li minnhom jidher li ma hux probabbli li d-dejn tħallas, jew li minnhom jidher li kien hemm raġuni tajba sabiex dak id-dejn ma jissemmiex fil-ħlas li sar jew fil-kontijiet magħmulin wara li dak id-dejn ikun għalaq.*

*Il-kontijiet trimestrali mibgħutin mid-Dipartiment tal-Ilma u Elettriku huma ħlasijet perijodiċi li għalihom tapplika din il-preżunzjoni; u għalhekk, f'każ ta' istanza għall-ħlas ta' din ix-xorta, il-ġudikant għandu jara jekk il-provi jurux illi din il-preżunzjoni hija eskluża.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jħallas is-somma ta' £4. 12. 3d minnu dovuta għall-kera ta' meters u konsum ta' ilma u elettriku dwar it-trimestru ta' Marzu 1958;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut illi in segwitu għall-kont reklamat ħallas aktar minn tliet pagamenti perijodiċi, u għalhekk, skond l-art. 1203 tal-Kodiċi Ċivili, l-ammont għandu jiġi kunsidrat imħallas; u eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar skond l-art. 2253(b) u (f);

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' April 1960 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u lliberatu mid-domanda; bl-ispejjeż;

Dik il-Qorti kkunsidrat, għar-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi l-kont pretiż huwa relattiv għall-kera ta' meters tal-ilma u tal-luċe elettrika, u għall-konsum ta' ilma u elettriku;

Illi, relattivament għall-meters, dak li l-konsumatur iħallas jirrappreżenta kera tal-meter, proprjetà tal-Gvern, li jitwaħħal fil-post tal-konsumatur biex ikejjel il-kwantità ta' enerġija u ta' ilma li huwa juża. Għalkemm dawn il-meters ikunu mwaħħla, però b'daqshekk ma jsirux immobili, għaliex ma jitwaħħlux bl-intenzjoni li jibqgħu permanentement inkorporati, iżda sakemm id-Dipartiment jibqa' jiffornixxi dan l-ilma u din l-enerġija;

Illi, għalhekk, il-kera tal-meters huwa kera ta' ħaġa mobili, u l-azzjoni għall-ħlas relattiva hija preskrivibbli fi tmientax il-xahar għas-sens tal-inċiż (f) tal-art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, relattivament għall-konsum tal-ilma u elettriku, il-fornitura ta' dawn il-"commodities" hija ntrappriża li l-Gvern jeżerċita per mezz tad-Dipartiment tal-Ilma u tal-Elettriku, u għalhekk in-natura tar-rapporti ġurdiċi li jinterċedu bejn id-Dipartiment u l-konsumatur huma l-istess daqs kemm si trattava ta' intrappriża privata u ma jistgħux jiġu kompriżi fl-inċiż (e) tal-art. 2254, li jikkontempla azzjonijiet tal-Kuruna għal drittijiet ġudizzjarji, dazji u taxxi oħra, kif issottometta l-"Crown Solicitor"; għaliex dawn ma jistgħux jiġu kompriżi fil-kategorija ta' taxxi;

Illi meta l-konsumatur jattinġi l-kurrent jew l-ilma mis-sistema tal-ilma u tal-elettriku jkun qiegħed jixtri minn għand id-Dipartiment din l-enerġija u ilma, fil-kwantità li tiġi miżurata mill-meter, u bil-prezz li skond ir-regolamenti l-Gvern għandu d-dritt jiffissa. Għalhekk id-Dipartiment ikun qiegħed ibiegħ bl-imnut lill-konsumatur dik il-kwantità ta' ilma u elettriku li l-konsumatur ikun ħa kif miżurata mill-meter;

Għalhekk, l-azzjoni relattiva hija preskrivibbli fi tmientax il-xahar, għat-termini tal-inċiż (b) tal-imsemmi art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-kont in kwistjoni jirrigwarda t-trimestru li għalaq f'Marzu 1958. Ma rriżultax illi kien hemm xi interpellazzjoni ġudizzjarja sakemm ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni fl-ewwel ta' Marzu 1960; u anqas jirriżulta li din il-preskrizzjoni ġiet interrotta b'xi ammissjoni tal-konvenut li anzi dejjem ipprotesta li ma għandux iħallas. Għalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni għadda;

Rat in-nota tal-appell tal-attur nomine, fol. 15, u ċ-ċitazzjoni fol. 16 li biha hu talab li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appellat, kif jidher mill-verbal fol. 3, qiegħed jopponi l-istanza fuq żewġ raġunijiet:— (a) Illi l-kont għandu jiġi meqjus imħallas, u dan skond l-art 1203 tal-Kodiċi Ċivili; (b) u fi kwalunkwe każ, l-azzjoni hi preskritta bid-dekors ta' tmientax il-xahar, għan-norma tal-inċiżi (b) u (f) tal-art. 2253 ibidem;

F'din is-sedi l-Avukat tal-Kuruna. kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, akkolta mill-Ewwel Qorti, irrileva li skond it-tieni subartikolu tal-art. 2220 ibidem, dik il-preskrizzjoni mhijiex opponibbli lill-Kuruna. Hu xieraq, però, li jiġi qabel xejn eżaminat il-punt l-ieħor, sollevat

mid-difiża; għaliex dak, jekk hu sewwa, iġib għall-konsegwenza li azzjoni ma hemmx, u meta azzjoni ma hemmx l-istanza tista' tiġi rejetta bla ma tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (App. Sup. "Borg vs. Cassar", 19. 2. '60 in parte, deċiż definittivament 29. 4. 1960);

L-art. 1203 Kap. 23 jiddisponi li fil-każ ta' kera, imgħaxijiet jew ħlasijiet oħra perijodiċi, meta jkun jidher minn irċevuti illi d-debitur ħallas id-dejn, kull darba li għalaq, għal tliet darbiet konsekuttivi bla riżerva għas-somom li jkunu għalqu qabel, dawn jitqiesu mħallsin. Din il-preżunzjoni mhijiex "juris et de jure", imma biss "juris tantum", fis-sens tal-art. 1205, li jgħid li l-ħlas ma jitqiesx li sar jekk ikun hemm ċirkustanzi li minnhom jidher li ma hux probabbli li d-dejn tħallas, jew li minnhom jidher li kien hemm raġuni tajba sabiex dak id-dejn ma jissemmiex fil-ħlas li sar jew fil-kontijiet magħmulin wara li dak id-dejn ikun għalaq;

Ma hemmx dubju li l-kontijiet trimestrali mibgħutin mid-Dipartiment tal-attur huma "ħlasijiet perijodiċi". "Ex admissis", u del resto, jirriżulta mill-karti proċesswali, mill-kont in kwistjoni l-hawn tħallsu aktar minn tliet kontijiet trimestrali konsekuttivi. "Ex admissis", ukoll, ma saret ebda riżerva, għalkemm fil-formula solita tal-kont hemm appożitament il-kelma "arrears" b'asterisk li jirriferixxi għall-indikazzjoni tal-perijodu. Għalhekk huma soddisfatti r-rekwiżiti sabiex jista' jingħad li hemm il-preżunzjoni ndotta mill-liġi;

Issa, il-ġudikant għandu jara jekk din il-preżunzjoni hijiex eskluża kif jingħad fl-art. 1205. Din il-Qorti hi ta' fehma li mhux talli ma hemmx raġunijiet li fuqhom għandha titjies eskluża l-preżunzjoni, imma anzi hemm raġunijiet li bihom dik il-preżunzjoni hi assodata;

L-addett għad-dipartiment Farrugia qal, fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, illi l-"arrears" tat-trimestru ta' qabel suppost li jiġu ndikati fil-kont li jiġi mibgħut im-

medjatament wara; jekk din il-formalità tiġi xi kull tant ommessa, *kif* qal dan ix-xhud, minħabba fil-pressjoni tax-xogħol, din ċertament mhijiex raġuni biex ma tiġix applikata l-liġi, jew li tista' tiġi ritorta kontra l-konsumatur. Hu fatt li, fil-waqt li l-kollettur ikun qed iniżżel l-ammont dovut għat-trimestru korrenti, hu faċli għalieh, kif stqarr dan ix-xhud, li mir-reġistru jinduna jekk hemmx xi arretrati, u, tkun kemm tkun il-pressjoni tax-xogħol, ma hix ħaġa ta' te'f ta' żmien li titniżżel iċ-ċifra tal-arretrati fil-kolonna appożita tal-formula li proprju dak il-ħin stess tkun quddiem il-kollettur. Jista' jiżdied li l-kollettur kellu l-opportunità li jara l-arretrati kull darba li ġew maħruġa l-kontijiet għat-trimestri l-oħra ta' wara almenu erbgħa darbiet (ara dok. fol. 9), sakemm inbagħtet l-intima ta' Lulju 1959. Ix-xhud ma eskludiex li ġie li ġara li għal ċirkustanzi eċċezzjonali d-Dipartiment jibgħat kont li ntant ikun ġa tħallas. Ix-xhud kien semma fix-xhieda tiegħu li fl-epoka in parola kien hemm ħafna kambjamenti ta' skrivani fid-Dipartiment. Hu ma semmiex din iċ-ċirkustanza in konnessjoni mal-inċident ta' kontijiet spediti li jkunu mħallsa, u mhux f'dak il-kontest; imma l-istess jibqa' li dik setgħet kienet ċirkustanza speċjali wkoll;

Kożikkè, ma hemm xejn li jiġġustifika l-ommissjoni tar-riżerva għall-arretrati; anzi hemm kwadru sħieħ ta' ċirkustanzi li kienu jimponu u jippostulaw dik ir-riżerva. Lanqas hemm xi ċirkustanzi li jirrendu improbabbli li dak il-kont tħallas. Ix-xhud fuq imsemmi qal li hu eżamina l-kont personali tal-*konvenut* u sab li dejjem ħallas regolarment. L-appellat xehed, u xehdet anki martu Carmela Brown; u mix-xhieda tagħhom il-pagament ta' dan il-kont mhux talli ma hux imqiegħed fid-dubju, imma anzi jibqa' lumeġġjat bħala verosimili u probabbli;

Jiġi, minn dan li ngħad, li ċ-ċirkustanzi ta' fatt joħolqu l-preżunzjoni ta' pagament indotta mill-liġi; u jiġi wkoll li dik il-preżunzjoni, lunġi milli hi distrutta bil-provi l-oħra, hi anzi irrobustita minnhom;

Għalhekk, din il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-inċident tal-*preskrizzjoni*, għar-raġuni fuq

indikata, tirritjeni l-kont imħallas in bażi għall-art. 1203 fuq imsemmi, u għalhekk tirrespinġi l-appell tal-attur nomine u tikkonferma, iżda fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, is-sentenza tal-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine.